**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU WIEĦED TLETIN** **27ta' Settembru, 2017**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Grima, u l-Kunsilliera Dr Jean Pierre Attard, is-Sinjorina Tiffany Ann Farrugia, is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Pierre Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri attenda.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **31.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 31.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija. |
| | | |
| **31.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| | | |
| 31.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tat-tletin –il seduta. |
| | | |
| ***31.3*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA*** |
| | | |
| | | |
| 31.3.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra numru 39. |
| | | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***31.4*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR/GAL XLOKK/MINUTI TAS-SOTTO KUMITAT ANZJANI U TAL-KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ.*** |
| | | |
| 31.4.1 | | Ġew approvati l-minuti tas-Sotto Kumitat Anzjani numru 9, u l-minuti tal-laqgħa li l-Kunsill kellu mal-Onorevoli Ministru Owen Bonnici u l-minuti numru 50 tal-Kumitat Reġjun Nofsinhar. |
| | | |
| 31.4.2 | | Ġew approvati l-minuti tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ numru 31.<br>Is-Sur Kaydem Schembri qal li l-proġett tal-bankijiet u pjanti, jinsab fil-proċess li jsir. Hu semma ukoll attivita' ta' lejla xitwija fil-Misraħ taż-Żurrieq, flimkien mas-sotto kumitat Kultura.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato stieden lis-Sindku taż-żgħżażgħ biex jattendi għal-laqgħa tas-sotto kumitat Kultura. |
| | | |
| ***31.5*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 31.5.1 | | Is-Sindku faħħar lill-Kunsillier David Abdilla tal-organizzazzjoni tal-ġemellaġġ ta' Pedara u tal-mawra li l-Kunsill kellu mar-residenti. Kemm il-Kunsilliera preżenti u kemm ir-residenti li marru l-mawra, faħħru l-organizzazzjoni tal-mawra u tal-ġemellaġġ. Faħħar ukoll lill-Kunsillier Joseph D'Amato li ġab il-konnessjonijiet ma' Pedara. |
| | | |
| 31.5.2 | | Is-Sindku faħħar lill-Kunsillier Joseph D'Amato fuq l-attivita' tal-orkestra li saret il-ġimgħa li għaddiet u saħaq li fejn hemm bżonn juri t-talenti tal-orkestra anke barra mir-raħal u minn xtutna. Irringrazzja ukoll lill-membri tas-sotto kumitat Kultura li baqa' ħaj f'din il-leġislatura.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato rringrazzja lis-Sindku tal-apprezzament. Hu qal li l-għada tal-attivita' irċieva telefonata biex l-orkestra tieħu sehem fin-notte bianca li ser issir dalwaqt. Il-Kumitat ma aċċettax l-istedina minħabba in-nuqqas ta' żmien li fadal. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li hemm bżonn li tinkiteb ittra lill-Onor. Ministru Owen Bonnici biex jiskużana li minħabba n-nuqqas ta' żmien li fadal, l-orkestra ma tistax tieħu sehem f'din is-sena imma lesta li tieħu sehem fis-sena li ġejja. |
| | | |
| 31.5.3 | | Is-Sindku semma l-attivita' tal-clean up li saret ġimgħa ilu li ma kinitx suċċess għax kien hemm ftit wisq nies li attendew biex jgħinu. Xtaq jitkellem mal-Kunsillier Kenneth Farrugia li hu inkarigat mill-indafa biex jieħu interess, fl-indafa tar-raħal u jinħareġ leaflet. |
| | | |
| 31.5.4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li residenti li joqgħodu fi Triq il-Pariet (li tiġi fil-ġemb ta' ġnien il-Ġibjun) qed ibgħatu minn ħafna trabijiet li jħallu t-trakkijiet li jitilgħu mill-barrieri ta' Ċomba u Asfaltar. Tali residenti qed jitolbu li t-trakkijiet jibdew jużaw triq oħra li ma taffetwa lil ħadd.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv wriet pjanta u video clip tal-postijiet indikati.<br><br>Kien hemm qbil li l-ħsara li saret lit-tarmakk minn Asfaltar fi triq ġdida li l- |

| | | |
|---|---|---|
| | | Kunsill għadu kemm għamel fejn il-ġibjun. Il-Kunsill kien qabel li jobbliga lill-Asfaltar isewwi. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill jikteb lill-Planning Authority u lill-ERA biex tara li s-sidien tal-barrieri qed jimxu mal-obbligi tal-permessi maħruġa. |
| | | |
| | | |
| 31.5.5 | | Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet il-problema li qed ikun hemm quddiem l-iskola fid-dħul u ħruġ tat-tfal. F'din is-sena minflok żewġ xarabanks tat-trasport tat-tfal qed ikun hemm erbgħa. Din qed toħloq problema għax ix-xarabank qed jipparkjaw f'nofs ta' triq b'tali mod li jagħlqu t-triq għat-traffiku għal aktar minn nofs siegħa filgħodu u wara nofsinhar. Hi qalet li hemm bżonn li jsiru żewġ reserved parkings għaż-żewġ vetturi l-ġodda. |
| | | |
| 31.5.6 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġiet ikkuntatjata mis-Sur Mario Salerno li jixtieq jagħmel kors ta' prattiċi tajbin fil-biedja, fil-lokalita' taż-Żurrieq. Hu qed jissuġġerixxi li tali kors isir fil-bidu ta' Ottubru u dan hu kollu bla ħlas.<br>Kien hemm qbil ma dan il-kors u d-data issir fid-19 ta' Ottubru fis-sala tal-iskola/kunsill, fis-18:00. |
| | | |
| 31.5.7 | | Is-Sindku tkellem fuq il-premju Anzjanita' attiva u nnomina lis-Sur Joe Farrugia magħruf bħala d-Dulli.<br><br>Kien hemm qbil unanimu fuq dan. |
| | | |
| 31.5.7 | | Is-Sindku kellu laqgħa mal-Onorevoli Deo Debattista fuq enforcement tal-indafa fir-raħal. Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv tibgħat b'email postijiet fejn ser ikunu l-enforcement. |
| | | |
| 31.5.8 | | F'dan il-punt kien hemm qbil unanimu li punt 31.9 tal-aġenda jitressaq issa qabel il-punti l-oħra minħabba li l-Kunsillier Kenneth Farrugia kellu bżonn joħroġ mis-seduta. |
| | | |
| ***31.9*** | | ***Inizjattiva ta' Tindif*** |
| | | |
| 31.9.1 | | Is-Sindku Ignatius Farrugia ssuġġerixxa li l-Kunsill jorganizza kampanja li joħroġ leaflets fuq l-indafa u jitqassam bieb bieb.<br><br>Kien hemm qbil li tali leaflets joħorġu b'lingwi differenti, minħabba r-residenti barranin li hawn fiż-Żurrieq. |
| | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ħareġ mis-seduta fis-19:30. |
| | | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***31.6*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 31.6.1 | | Il-Kunsillier David Abdilla ssuġġerixxa biex fir-rebbiegħa fiż-żona ta' minn fejn il-Bronze bar sal-każin tal-football fi Triq il-Kbira, jingħalqu għat-traffiku fil-weekend u jagħtu ħajja lill-akwata, billi jiġu mlaqqa l-każini u l-ħwienet tal-akwata biex f'kull weekend jiġu organizzati ikliet/bars barra. Il-Kunsillier David Abdilla qal li lest li jagħmel laqgħat magħhom wara li tinkitbilhom ittra, bl-ideja tal-Kunsill.<br><br>Kien hemm qbil fuq dan. Il-laqgħa ser issir nhar it-Tlieta 24 ta' Ottubru, fis-18:30 fl-uffiċċju tal-Kunsill. |
| | | |
| 31.6.2 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa biex fi Triq il-Kbira faċċata tal-ħanut tal-pastizzi, ssir bankina itwal u tiżdied parking bay, biex jonqos l-inkonvenjent li għandhom ir-residenti tal-akwata u dawk li jmorru jixtru mill-ħwienet tal-viċin, u ssir parkeġġ bil-ħin.<br><br>F'dan il-ħin ħareġ il-kunsillier David Abdilla (ħin 19:45) |
| | | |
| | | |
| ***31.7*** | | ***Approvazzjoni: Xogħlijiet u Servizzi*** |
| | | |
| 31.7.1 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li meta l-Kunsill kien Pedara, ġie ssuġġeriet li l-orkestra titla iddoqq Pedara għal Awwissu 2018. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 31.7.2 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa lill-Kunsill li jagħti suġġeriment lill-Perit tal-Kunsill biex isir culvert fi Triq Wied Babu ħalli jonqos l-inkonvenjent lir-residenti li qed jidħlilhom l-ilma fil-basement tagħhom.<br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 31.7.3 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li fejn l-out door gym li qed isir hemm kamra li fiha meters tad-dawl u hemm bżonn li minn din il-kaxxa tad-dawl, l-out door gym ikollu dawl separat għalih.<br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 31.7.4 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li hemm bżonn li l-Kunsill isolvi il-problema tal-għargħar f'Misraħ Repubblika u Triq P P Saydon.<br>Il-proġett kien ser isir taħt il-Ministru Ninu Zammit, il-Kunsill reġgħa kkuntatja lill-Ministeru fil-leġislatura preċedenti, li kkonfermaw dan imma għadu ma sar xejn. Kien hemm qbil li l-Kunsill jerġa jikteb fuq il-każ u jinforza biex dan isir. |
| | | |
| 31.7.5 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li meta l-Kunsill kien Pedara ġie ssuġġeriet li ssir logħba football fiż-Żurrieq għal-April li ġej.<br><br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| **31.8** | | ***Aġġudikazzjoni ta' Sejħiet għall-offerti – Supply of Printed Stationery***<br>- ***Supply of Printed Material*** |
| | | |
| 31.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-offerenti għat-tender ta' Supply of Printed Stationery kienu dawn: |

| Tender ID | Tenderer name | Financial offer [after arithmetical correction] **(Euro)** | Final ranking |
|---|---|---|---|
| **000080631** | COMMUINIQUE LIMITED | € 797 | 1 |
| **000079499** | SUNLAND PRINTERS LIMITED | € 857 | 2 |
| **000079658** | A&M PRINTING LTD | € 944 | 3 |
| **000080637** | TIK COMMUNICATIONS | € 950 | 4 |

U ta' Supply of Printed Material kienu hekk kif ġej:

| Tender ID | Tenderer name | Financial offer [after arithmetical correction] **(Euro)** | Final ranking |
|---|---|---|---|
| **000079729** | OUTLOOK COOP | € 13,960 | 1 |
| **000080638** | TIK COMMUNICATIONS | €14,762 | 2 |
| **000079897** | UNION PRINT CO. LTD | €15,038 | 3 |
| **000080632** | GUTENBERG PRESS LTD | € 21,050 | 4 |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| 31.8.2 | | Kien hemm qbil unanimu li l-orħos offerenti jieħdu x-xogħol. |
| | | |
| | | |
| ***31.11.1*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 31.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 1** għall-ammont totali ta' **€45,653.50**.<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u l-Viċi Sindku Rita Grima u mill-Kunsillier Pierre Farrugia. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***30.12*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 30.12.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-20:20. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 25ta' Ottubru, 2017 fis-6.15 ta' filgħaxija. |
| | | |

Konfermati, illum 25 ta' Ottubru, 2017.

IFFIRMAT

Ignatius Farrugia
**Sindku**

IFFIRMAT

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**